**24 ta' April, 1985**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A.,LL.D.,F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Edwin Mirabelli *noe*

*versus*

Salvino Sullivan u Henry Sullivan *noe*

## Prova - Oneru ta' Prova - Loġika - Presunzjoni ta' Prova *Juris Tantum*

*L-attur bħala assiguratur surrogat aġixxa għal rkupru u kundanna ħlas ta' danni sofferti mill-assikurat taċ-ċessjonarju tiegħu minħabba nuqqasijiet fil-merkanzija.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irrelevat fattur fondamentali kontradditorju fil-loġika tal-provi u cjoè illi l-attur irnexxilu jipprova illi l-merkanzija tgħabbiet fuq il-vapur iżda mhux li waslet Malta. L-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet attriċi.*

*Interessanti l-osservazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell dwar il-presunzjonijiet juris tantum illi fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ fis-sens li ma kienx il-każ li wieħed jintilef fuq presunzjonijiet "juris tantum" favur wieħed jew favur l-ieħor, anzi osservat illi kwantu kull presunzjoni juris tantum illum stabbilit li l-provi huma dawk li huma u fiċ-ċirkostanzi huma bla ebda utilità għax ma jirriżulta xejn mill-provi li jisposta l-oneru tal-provi. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ta' l-Appell irrevokat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u ċaħdet it-talbiet attriċi bl-ispejjez taż-żewġ istanzi kontra l-attur Appellat.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni fil-Qorti tal-Kummerċ li permezz tiegħu l-attur *nomine*, wara li ppremetta ill d-Direttur tat-*Trade* importa mill-Ġappun tlett elef (3,000) *cartons* ta' *Tuna* kif jidher

mill-polza tal-kariku (Dok.A), u l-imsemmija merkanzija ġiet mgħobbija fuq il-vappur "Jurata" li wasslitha Malta fil-25 ta' Mejju, 1980; illi meta l-merkanzija ġiet skarikata u konsenjata lill-importatur ġew konsenjati biss elfejn, disa' mija u wieħed u erbgħin (2,941) *cartons*, jiġifieri kien hemm disa' u ħamsin (59) neqsin kif jirriżulta miċ-ċertifikat tad-Dwana (Dok.B); illi għalhekk is-soċjetà *Mediterranean Insurance Brokers*, bħala assikuratriċi, u kif kienet obbligata, ħallset lill-importatur is-somma ta' disa' mija ħamsa u ħamsin lira u sitta u sittin centeżmu (Lm955.66) għan-nuqqas u għalhekk ġiet surrogata fid-drittijiet kollha tad-Direttur tat-*Trade*, liema drittijiet *Mediterranean Insurance Brokers* ċedew lill *Mediterranean Survey Bureau* ; u illi l-konvenuti *nomine* huma responsabbli għan-nuqqas fuq indikat; talab li l-istess konvenuti *nomine* jiġu ddikjarati responsabbli għan-nuqqas fuq indikat, u kkundannati jħallsu lilu *nomine* is-somma ta' Lm955.66, bl-interessi tas-sitta fil-mija mid-data tal-pagament, in rifużjoni tal-pagament magħmul minn *Malta Insurance Brokers* u liema dritt ġie ċedut lill-attur *nomine*; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti *nomine* li ġew inġunti għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* li eċċepew *in linea* preliminari li l-attur għandu jagħmel il-prova li hu jirrappreżenta leġittimament lill-kumpanija attriċi; u illi fil-meritu, il-merkanzija in kwistjoni ġiet skarikata mill-vapur fit-totalità tagħha u għalhekk il-vapur ma għandu l-ebda responsabbilità għan-nuqqas allegat;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-14 ta' Frar, 1983, li laqgħat it-talbiet ta' l-attur *nomine* u ddikjarat lill-konvenuti *nomine* responsabbli għan-nuqqas fil-merkanzija msemmija fiċ-ċitazzjoni u kkundannat lill-istess konvenuti *nomine* iħallsu lill-

attur *nomine* s-somma ta' Lm955.66, għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż u bl-imgħax mitlub, u dan wara li kkunsidrat illi:

L-attur f'din il-kawża qed jallega li d-Direttur tat-*Trade* importa mill-Ġappun 3,000 *cartons* ta' *Tuna* kif jidher mill-polza tal-karigu (Dok.A) u din il-merkanzija ġiet mgħobbija fuq il-vapur "Jurata" li wassalha Malta fil-25 ta' Mejju, 1980. Meta waslet il-merkanzija Malta u ġiet konsenjata lill-importatur din ġiet konsenjati bin-nieqes. Infatti minn 3,000 *cartons* ġew konsenjati biss 2941 *cartons* u dan skond iċ-ċertifikat tad-Dwana (Dok.B). Billi l-attur *nomine* irrimborsa lill-importatur is-somma ta' Lm955.66, u dan għall-merkanzija li ma rċevix u għalhekk ġiet surrogata fid-drittijiet tiegħu - dan kellu jistitwixxi din il-kawża;

Il-konvenut *in linea* preliminari eċċepixxa li l-attur għandu jagħmel il-prova li hu jirrappreżenta leġittimament il-kumpanija attriċi. Fil-meritu huwa eċċepixxa li l-merkanzija in kwistjoni ġiet skarikata mill-vapur fit-totalità tagħha u għalhekk il-vapur m'għandu ebda responsabbilità għan-nuqqas allegat;

Fil-fatt fis-26 ta' Jannar, 1983, l-attur *nomine* esebixxa b'nota d-dokument rikjest fejn jiċċertifika li l-attur għandu r-rappresentanza leġittima tal-kumpanija attriċi. Kwindi l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut tinsab illum revokata u għalhekk il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkunsidra l-eċċezzjoni fuq il-meritu;

Fil-fatt l-attur *nomine* pprova permezz tad-Dok. A *Bill of Lading*, li l-merkanzija *de quo* konsistenti fi 3,000 *cartons* ġiet mgħobbija fuq il-vapur "Jurata" u waslet Malta fil-25 ta' Mejju,

1980, skond id-Dok. B ċertifikat rilaxxjat mid-Dwana fil-25 ta' Mejju, 1980. L-attur ipprova wkoll li hu ħallas lill-assikurat tiegħu l-ammont ta' Lm955.66, u li bid-Dok. D hu ġie surrogat fid-drittijiet ta' l-istess. L-attur esebixxa l-ittra Dok.X riċevuta lilu minn *The Cargo Handling Co. Ltd.*, fis-sens li din irrilaxxjat 941 *cartons* fl-istess kondizzjoni li rċevithom. Xehed ukoll Maurice Cini li jaħdem mas-soċjetà "*A. V. Portelli & Sons Ltd.*" li kkonferma l-fatti esposti mill-attur fiċ-ċitazzjoni;

Il-konvenut qed isostni t-tieni eċċezzjoni tiegħu fuq il-meritu billi esebixxa it-*Tally Sheet* Dok. E u F li pproduċa lil Maurice Fenech Gonzi, impjegat tal-konvenuti *nomine* bħala xhud. Dan qal li hu l-*Head Tally Clerk*, però mhux hu jagħmel it-*Tally Sheet*. Din issir minn ħaddieħor li wara jissottomettuha lilu. Huwa għaraf id-Dok. E u F bħala rapport magħmul minnu rigward il-vapur "Jurata". Hu għaraf id-dokument bħala it-*Tally Sheet* magħmula minn George Abela mqabbad mill-konvenuti *nomine* biex jagħmel l-imsemmija *Tally Sheet*;

Fil-fehma tal-Qorti, il-konvenuti ma rnexxilhomx jippruvaw l-allegazzjoni tagħhom li l-merkanzija kollha waslet Malta. It-*Tally Sheet* in kwistjoni ma ġietx *ex admissis* konfermata mill-persuni li għamluha, iżda minn persuna fuq rapport tat-*Tally Clerks* in kwistjoni. It-*Tally Report* li jsir waqt li tinżel il-merkanzija minn vapur għandha importanza kbira f'każijiet fejn ikun hemm allegazzjoni ta' merkanzija nieqsa u kwindi din għandha ssir bl-akbar serjetà u biex f'każijiet simili tiġi aċċettata trid tiġi konfermata mhux bil-ġurament ta' terzi persuni għat-*Tally Clerk* li jkun irrediġiha iżda mill-persuna stess li tkun għamlitha. Minn eżami tad-dokumenti l-oħra esebiti rriżulta li fil-fatt l-assikurat ħa merkanzija nieqsa fl-ammont minnu pretiż u kwindi għalhekk it-talba ta' l-attur *nomine* għandha tiġi milqugħa;

Rat il-petizzjoni tal-konvenuti *nomine* li apppellaw minn dik is-sentenza u talbu lil din il-Qorti tirrevoka l-istess sentenza u tirrespinġi t-talbiet ta' l-attur *nomine* appellat, bl-ispejjez taż-żewġ istanzi kontra l-attur *nomine*;

Rat ir-risposta ta' l-attur *nomine* li ssottometta li din il-Qorti għandha tiċħad il-petizzjoni tal-konvenut bl-ispejjeż;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell mid-difensuri tal-kontendenti;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju ta' l-appellant hu fis-sens illi l-Ewwel Onorabbli Qorti bbażat s-sentenza tagħha fil-meritu fuq il-fatt li fil-fehma tagħha l-konvenuti *nomine* ma rnexxilhomx jipprovaw l-allegazzjoni tagħhom li l-merkanzija kollha waslet Malta u dan għaliex it-*Tally Sheet* esebita (Dok.E) ma ġietx konfermata bil-ġurament minn min għamilha. *Oltre* dan l-Ewwel Qorti qieset li l-fatti tal-kawża flimkien kienu prova biżżejjed illi l-merkanzija ġiet nieqsa waqt li kienet fuq il-vapur għalhekk ma setatx naqset wara li ġiet skarikata. Fil-fehma ta' l-appellanti din id-deċizjoni kienet ibbażata fuq l-assunt ħażin li l-prova trid issir mill-konvenuti, jiġifieri li huma kellhom jipprovaw li l-merkanzija kollha niżlet minn abbord. Skond l-appellanti l-unika ħaġa li l-attur irnexxielu jipprova kien illi l-merkanzija f'xi stadju waqt li kienet diġà f'idejn il-*Cargo Handling Company* kienet nieqsa b'tant *cartons*. Ma rnexxilux però jipprova, kif inhu obbligu tiegħu illi l-merkanzija niżlet nieqsa minn fuq il-vapur, għaliex f'dak il-mument proprju li niżlet hemm biss *Tally Sheet*,

esebita mill-konvenuti *nomine* li turi li l-merkanzija niżlet kollha. L-appellanti rrilevaw ukoll illi l-attur *nomine* lanqas esebixxa il-*cargo receipt* tal-*Cargo Handling Company*, iżda biss ittra mill-istess kumpanija; li mhijiex lanqas konfermata bil-ġurament;

Illi din il-Qorti ssib dan ir-raġjonament tal-appellanti *nomine* korrett u bħala tali hu kritika ġusta u fondata tas-sentenza appellata. Infatti jidher mill-korp tas-sentenza appellata illi l-Ewwel Qorti għamet żewġ konsiderazzjonijiet fondamentali li fuqhom imbagħad iddeċidiet il-kawża. L-ewwel konsiderazzjoni li l-attur ipprova permezz tal-*bill of lading* illi l-merkanzija kollha ġiet mgħobbija fuq il-vapur "Jurata", u mhux biss iżda wkoll li fil-25 ta' Mejju, 1980, din il-merkanzija waslet Malta. Ftit wara però l-istess Qorti rrilevat illi l-konvenuti ma rnexxilhomx jippruvaw l-allegazzjoni tagħhom li l-merkanzija kollha waslet Malta. F'dan il-kuntest temerġi waħedha l-unika konklużżjoni li tista' loġikament u legalment tasal għaliha din il-Qorti u cjoè li l-Ewwel Qorti spustat l-oneru tal-prova u dak li pprezumiet li ġie provat minn naħa bħala fatt sostniet li ma ġiex pruvat minn-naħa l-oħra;

Illi fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti fil-każ *in deżamina* l-attur kellu fil-kors kollu tal-kawża l-oneru li jipprova mhux biss li l-merkanzija *de quo* tgħabbiet kollha kemm hi fuq il-vapur "Jurata" u li waslet kollha Malta, iżda li n-nuqqas li jidher li rriżulta f'xi żmien kien okkorra meta l-merkanzija kienet għadha fuq il-vapur u mhux wara. F'dan ir-rigward l-iktar dokumenti importanti huma l-ewwelnett it-*Tally Sheet* u *Tally Report* li jsir meta l-merkanzija tkun għadha abbord u t-tieni nett il-*cargo receipt* tal-*Cargo Handling Company*;

*Jingħad mill-ewwel li dan it-tieni dokument ma ġiex esebit* u allura tonqos l-aħjar prova ta' x'ġie eżattament skarikat mill-vapur għall-idejn il-*Cargo Handling* kellu jagħmilha l-attur u mhux il-konvenut. Dwar it-*Tally Sheet* u t-*Tally Report*, dawn ġew debitament esebiti u konfermati mill-*Head Tally Clerk*. L-Ewwel Qorti argumentat li min għamel it-*Tally Sheet* immissu ġie prodott biex jikkonfermaha. Illi apparti mill-istess *Tally Sheet* ġiet konfermata bħala awtentika mill-*Head Tally Clerk* li kkonferma wkoll ir-*report* li għamel hu fuq l-istess *sheet* jingħad li fl-ebda ħin ma ġiet messa in dubbju l-awtentiċità tat-*Tally Sheet* u din turi li mhux biss f'Malta waslu il-3000 *cartons* iżda li kien hemm 25 *cartons* żejda li ġew *tallied*. F'dan l-istat ta' fatt kien fl-interess ta' l-attur u mhux tal-konvenuti *nomine* li jekk hemm bżonn jeskutu t-*tally clerk* u jipprovaw kontra dak li "*on the face of it*" il-*Tally Sheet* kienet tipprova. L-argument oppost tal-Ewwel Qorti għalhekk ma jistax jiġi aċċettat;

Fil-fehma tal-Qorti biex l-attur seta' jirnexxi fil-provi tiegħu kellu jipprova li n-nuqqas ġara kif ingħad waqt li l-merkanzija kienet għadha fuq il-vapur. Bir-rispett kollu però jidher li l-uniċi provi li hemm f'dan il-każ pjuttost juru li mit-*tallying* ġie konstatat li l-merkanzija kollha kienet waslet. Żgur li ma saret l-ebda ħjiel ta' prova ta' meta ġara n-nuqqas u f'dan ir-rigward id-dikjarazzjoni tad-Dwanier u tal-*Cargo Handling* ftit li xejn għandhom rilevanza għax kollha jirriferu għall-istadju ta' meta l-merkanzija kienet bilfors diġà skarikata;

Ġew ukoll kemm fil-petizzjoni tal-appell, kif ukoll fir-risposta tal-appell, kif anke fin-noti ta' osservazzjonijiet li ġew preżentati, ventilati diversi punti ta' liġi in materja ta' liġi dwar il-*Carriage of Goods by Sea Act 1954*, il-*Hague Rules* u anki ċerti miżuri proċedurali. Bir-rispett kollu però din il-Qorti tħoss

li fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ li wieħed joqgħod jintilef fuq presunzjonijiet *juris tantum* favur wieħed jew favur l-ieħor u jeżamina xi provi jistgħu jsiru f'dan l-istadju o meno. Kull presunzjoni *juris tantum* infatti llum stabbilit li l-provi huma dawk li huma, mhi ta' bl-ebda utilità għax ma jirriżulta xejn mill-provi li jisposta l-oneru tal-provi billi jġib in operazzjoni xi presunzjoni *juris tantum* jew li jeżonera l-attur appellat mill-piż li tgħabba bih li jipprova dak li ingħad;

Qed jiġi deċiż għalhekk illi l-attur *nomine* appellat ma rnexxilux jipprova li għan-nuqqas lamentat minnu kienu responsabbli l-konvenuti *nomine* u għalhekk l-appell interpost ser jiġi akkolt;

Għall dawn il-motivi, tiddisponi mill-appell billi tilqa' l-istess u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet ta' l-attur *nomine* appellat kontenuti fiċ-ċitazzjoni. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jkunu a kariku ta' l-istess attur *nomine* appellat.